V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ: M.9005 — Booking Holdings/HotelsCombined)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 344/03)

1. Fit-18 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Booking Holdings Inc. ("Booking Holdings", l-Istati Uniti)

— HotelsCombined Pty Ltd ("HotelsCombined", l-Awstralja)

Booking Holdings takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll uniku ta' HotelsCombined kollha.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Booking Holdings: provvista ta' servizzi onlajn fis-settur tal-ivvjaġġar u servizzi relatati. Id-ditti prinċipali tagħha jinkludu Booking.com, priceline.com, agoda.com, KAYAK, Rentalcars.com u OpenTable. Il-kwartieri ġenerali tagħha jinsabu fl-Istati Uniti u toffri s-servizzi tagħha f'aktar minn 220 pajjiż u territorju fl-Ewropa, l-Amerika ta' Fuq, l-Amerika t'Isfel, ir-reġjun Asja-Paċifiku, il-Lvant Nofsani u l-Afrika.

— għal HotelsCombined: attiva fis-settur tal-ivvjaġġar u tipprovdi servizzi ta' metariċerka unikament fir-rigward ta' lukandi u akkomodazzjonijiet oħra. Il-kwartieri ġenerali tagħha huma fl-Awstralja u toffri servizzi f'aktar minn 50 pajjiż.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.9005 — Booking Holdings/HotelsCombined

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË